MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Numru. 976/2004

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Abdilla)
vs
Keith Vella Muskat

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Keith Vella Muskat, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 11280 G, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2004 fil-Luxol Ground Pembroke, bhala segretarju tal-klabb SK Wanderers FC ta, ghamel arrangamenti, offerti jew proponimenti lil Alloysius Azubullee Ihebulu direttament jew indirettament sabiex il-persuna imsemmija taghmel tiftiehem jew tilqa jew offerta, jew rigal bhala konsiderazzjoni lil imsemmi Aloysius Azubullee Ihebulu bhal plejjer tal-klabb Qala St Joseph Ghawdex jigi prokurat sabiex fil-loghba ta' nhar is-Sibt 13 ta' Novembru 2004 bejn Qala St Joseph kontra Victoria

FC jaghmel dak mitlub minnu illegalment ghall-beneficcju tal-klabb li jirrapprezenta u dan ai terminu tal-Artikou 3 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u taht l-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew organizzatur u cioe' bhala fil-kapacita tieghu bhala segretarju tal-klabb SK Wanderers FC li kellu irrikonoxenza kemm jekk verbali, bil-kitba jew b'xi mezz iehor kienet sejra issir offiza kontra l-provizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma ikkomunikax din l-offiza lill-Kummissarju tal-Pulizija kif rikjest mil-Ligi, u dan ai terminu tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fid-9 ta' Novembru, 2004 l-Ufficjal Prosekutur kien gie infurmat illi kien dahal rapport minn certu Aloisius Hebulu, Nigerjan, player tal-football, li kien qed jallega li Keith Vella Muskat, l-imputat fuq imsemmi kien offrielu xi flus waqt li kien qed jittrenja fil-Luxol Ground Pembroke. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi huwa baghat ghall-imputat li huwa minn Ghawdex u l-istess imputat innega li kien offra xi flus lil Aloisius Hebulu, izda l-imsemmi Aloisius baqa' jinsisti illi l-imputat kien offrielu l-flus biex jilghab hazin fil-loghba tas-Sibt 13 ta' Novembru, 2004. L-Ufficjal Prosekutur, in kontro-ezami, xehed illi l-imputat kien qallu illi huwa verament kien kellem lil Aloysius Hebulu, izda cahad illi kellmu sabiex joffrielu xi flus biex jilghab hazin.

Illi l-imsemmi Aloysius Hebulu xehed f'dawn il-proceduri u qal illi huwa jilghab il-football ma Qala Football Club

Ghawdex u illi n-Nigerjani jaghmlu t-training Malta fil-Luxol Grounds St Andrews kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Erbgha. Huwa xehed illi dakinhar in kwistjoni, il-gurnata kienet it-Tlieta, kien qieghed jaghmel it-training, u player Nigerjan iehor, jismu Anthony, kien qallu li ried ikellmu xi hadd barra l-ground. Aloysius Hebulu hares fl-awla izda ma rax il-persuna li kienet kellmitu izda jaf illi l-persuna li kienet kellmitu kien jisimha Keith Vella Muskat. Aloysius xehed illi dan Keith Vella Muskat kien offrielu s-somma ta' mitt lira sabiex fil-finali huwa jilghab hazin u qallu "u jekk nirbhu ahna naghtik erba' mitt lira ohra sabiex b'kollox inkun tajtek is-somma ta' hames mitt lira". Aloysius xehed illi huwa qal illi ma kienx jaghmel dawn l-affarijiet, xejjer idejh u qallu "jien ma niehux dawn l-affarijiet". Umbaghad qallu "itlaq 'l hemm". Aloysius kompla jixhed illi, wara, shabu kienu staqsewh x'kien gara u qalilhom b'kollox. Aloysius kompla jixhed illi kien kellem lil tal-club tieghu u qalilhom b'kollox. L-ghada mar Ghawdex u tal-club tieghu qalulu biex jaghmel rapport lill-pulizija. Huwa mar l-ghassa ta' Ghawdex fejn qalulu illi r-rapport ried jaghmlu l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan f'Malta. Aloysius xehed illi kien staqsa lil Anthony "ghalfejn kien gab lil dak ir-ragel ikellmu" u Anthony kien irrispondih illi ma kienx jaf illi dan Keith Vella Muskat kien ried ikellmu sabiex joffrilu xi flus. Aloysius, in kontro-ezami, ammetta illi hemm qlajjiet fuq in-Nigerjani illi jilghabu f'Malta, fis-sens illi dawn jixxahmu sabiex jilghabu hazin, izda qal illi din kienet l-ewwel darba illi xi hadd qatt offrielu xi flus biex jilghab hazin. Huwa xehed ukoll illi lil Anthony jafu bhala footballer, izda ma jafx min hu l-agent tieghu. Mistoqsi jekk jafx illi Vella Muskat meta kien gie ikellmu kien gie ikellmu fuq dan Anthony u mhux fuqu innifsu, Aloysius ma setghax jifhem id-domanda.

Illi xehed il-player Nigerjan l-iehor Anthony Ewurum. Anthony xehed illi darba minnhom kien cempillu s-segretarju tieghu precedenti, l-imputat fuq imsemmi u beda ikellmu fuq il-players li kien ser igib Malta minn Nigerja. Umbaghad staqsih dwar Aloysius u staqsih jekk Aloysius kienx ser jigi ghat-training dakinhar u hu qallu "Iva, nahseb li ser ikun it-training il-Luxol St Andrews". Effettivament l-imputat gie il-Luxol Ground St Andrews u

Aloysius kien qieghed it-training u Anthony kellem lil Aloysius u qallu illi l-imputat ried ikellmu. Il-gurnata kienet it-Tlieta u hu xehed illi ra lil Aloysius ikellem lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi nhar l-Erbgha kellhom training session ohra u l-Gimgha ukoll kellhom training session. Aloysius kien irrabbjat il-gurnata tal-Gimgha, izda hu ma kienx jaf ghalfejn Aloysius kien irrabbjat. Ix-xhud kompla jghid illi n-Nigerjani l-ohrajn bdew jistaqsu lil Aloysius ghalfejn kien irrabbjat u hu qalilhom illi kien irrabbjat ghaliex, skond hu, l-imputat offrielu li jaghtih xi flus biex jilghab hazin. Huwa xehed illi dakinhar stess in-Nigerjani kellhom laqgha u ftehmu illi ma riedux li din il-haga terga tigri. Xehed ukoll illi sar rapport lill-pulizija. In kontro-ezami, dan ix-xhud qal illi l-imputat kien cempillu u staqsih ghal certu Anthony Aloysius Guzu, dwar jekk dan kienx player tajjeb u dana sabiex igibu jilghab mat-team taghhom. Ix-xhud xehed illi Aloysius kien qalilhom dwar l-allegat incident mal-imputat il-Gimgha <u>u mhux qabel</u>.

Illi xehed John Cefai, il-kaxxier ta’ Qala St Joseph Football Club, u qal illi fl-10 ta’ Novembru, 2004 Aloysius baghatlu messagg fuq il-mobile phone tieghu fis-sens illi ried jarresta lis-Segretarju ta’ SK Wanderers u ried jaghmel rapport lill-pulizija. Aktar tard fl-istess gurnata Aloysius baghatlu messagg iehor fejn qallu “He came where we were training offering money. I want the club to go and make a report to the police in Gozo as well because that’s how they finished my name in Gozo”. Ix-xhud qal illi bhala club huma ma ghamlu l-ebda rapport lill-pulizija u kien Aloysius illi insista illi jaghmel ir-rapporti u effettivament ghamel ir-rapport f’ismu u mhux f’isem il-club.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi, minn jeddu u bil-gurament, u qal illi huwa mir-Rabat Ghawdex izda mit-Tnejn sal-Gimgha jahdem Malta. Ghalhekk matul il-gurnata ikun Malta. Huwa xehed illi dakinhar in kwistjoni kien mar ikellem lil Aloysius il-Luxol Ground St Andrews peress illi l-club tieghu kien iddecieda illi igibu zewg players Nigerjani sabiex jilghabu fil-club tal-“under sixteen” u huwa spjega li dawn il-players kien ser igibhom it-tieni Nigerjan illi xehed fil-Qorti jigifieri Anthony u mhux Aloysius. L-imputat xehed illi kien mar il-Luxol Ground St

Andrews biex jara fejn kien wasal il-process biex dawn il-players Nigerjani jigu Malta. Huwa kellem lil player Aloysius, dam ikellmu madwar hames jew sitt minuti, izda kien hemm problema ta' komunikazzjoni bejniethom. L-imputat xehed illi huwa staqsa lil Aloysius x'kienet il-possibbilita illi Anthony Elowsi Ekuson jigi jilghab il-football Malta. Huwa spjega illi Aloysius huwa player Malta, kif ukoll agent, jigifieri igib il-players Nigerjani sabiex jilghabu l-football f'Malta u dana fuq talba ta' xi team tal-football. Effettivament huwa esebixxa il-ftehim illi huma iffirmaw fis-7 ta' Novembru, 2004; liema ftehim jinsab esebit a fol. 52 u 53 tal-process. L-imputat kompla jixhed illi huwa qatt ma offra xi flus lil Aloysius sabiex jilghab hazin. Qal illi kellmu kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliz, u dana peress illi Aloysius b'xejn ma setgha jifhmu.

Ikkunsidrat :

Illi kif issottomettiet tajjeb id-difiza, Aloysius, il-persuna li ghamlet ir-rapport kontra l-imputat fuq imsemmi, jidher illi ghandu certu problemi sabiex jikkomunika tajjeb kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliz.

Illi huwa minnu wkoll illi jezistu certu inkonsistenzi fix-xiehda ta' Aloysius bhal, per ezempju, fejn qal illi huwa dakinhar stess illi l-imputat ghamillu l-imsemmija offerta qal lil shabu, mentri shabu stess xehdu illi huwa qalilhom il-gurnata tal-Gimgha u mhux il-gurnata tat-Tlieta, meta suppost gara l-incident. Aloysius hawwad ukoll dwar kemm hemm "teams" fl-ewwel u fit-tieni divizzjoni fil-football Ghawdex. Mistoqsi sabiex jidentifika fl-awla lill-persuna illi allegatament ippruvat ixahhmu huwa bl-ebda mod ma gharaf lill-imputat u ried ghal darba, darbtejn, illi l-persuna li kellmitu tqum hi minn jeddha bil-wieqfa sabiex ikun jista jidentifikaha. Ovvjament huwa ma setghax jaghraf lill-imputat bhala l-persuna illi allegatament ippruvat ixxahmu kif imsemmi.

Illi l-imputat, ghalkemm ma kienx tenut illi jixhed, xehed f'dawn il-proceduri, cahad illi qattipprova ixahham lil Aloysius, kif ukoll cahad, "a tempo vergine" meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija, u ta spjegazzjoni plawsibbli

ferm ta il-ghaliex huwa mar ikellem lil Aloysius dakinhar fil-Luxol Ground St Andrews, u qal illi huwa ghamel hekk ghaliex haseb illi Aloysius kien agent ta' player Nigerjan illi huwa ried igibu sabiex jilghab il-football f'Malta.

Illi, kif jirrizulta mill-istess xiehda illi ta Aloysius f'dawn il-proceduri, huwa bl-ebda mod ma seghta jifhem l-ahhar domanda illi saritlu u fil-fatt baqa' ma irrispondihiex.

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi u ghalhekk filwaqt illi tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet mibjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------